# Ftit Ħsibijiet Dwar San Ġorġ Preca



## Tikteb in-Nutara Josepha Xuereb

Fit-12 ta Frar 1880, ġewwa l-Belt Valletta, twieled Dun Ġorġ Preca. Din id data lilna l-Maltin għandna ġġiegħlna naraw kemm huma ta' l għaġeb triqat il-Mulej, kemm hu tassew minnu dak li igħidilna missierna San Pawl, fl-ittra tiegħu lill-Efesin, li lilna 'l Mulej għażilna fi Kristu sa minn qabel il ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba… iddestinana għat tifħir tal-glorja tal grazzja tiegħu li biha mliena fil maħbub tiegħu" (Ef. 1,4-6).

Bir raġun kollu, din is sena, il membri tas-Soċjetà' tad-Duttrina, magħrufa bħala MUSEUM, iċċelebraw b' ferħ kbir il kanonizzazzjoni tal-Fundatur tagħhom Dun Ġorġ Preca. Il-Kawża ta' Beatifikazzjoni tiegħu ġiet mibdija fl-1975. Dun Ġorġ kien iddikjarat Beatu fid-9 ta' Mejju 2001 mill-Papa Ġwanni Pawlu II waqt quddiesa ta' Beatifikazzjoni fuq il-Fosos tal-Furjana, Malta. Huwa kien ikkanonizzat mill-Papa Benedittu XVI nhar il-Hadd 3 ta' Ġunju 2007 waqt quddiesa ta' Kanonizzazzjoni ġewwa il-Vatikan.

Francis Saliba, Superjur Ġeneral tas-Soċjetà tad Duttrina Nisranija jikteb " dejjem osservajt l-ispirtu fidili u umli li bih Dun Ġorġ kien jitratta kemm mal-membri tas-Soċjetà, kif ukoll mal-publiku b'mod ġenerali. Ma kontx lanqas biss timmaġina qerq la fi kliemu u lanqas f'egħmilu, u dan ikkonfermah wisq tajjeb l-Isqof Galea meta fl-orazzjoni funebri qal: "is-sempliċita' ta' Dun Ġorġ ma tafx ħlief il-verità, anki meta l-verita xi drabi kienet tkun kontra tiegħu" (28 ta' Lulju 1962).

Fil-fatt it-tjubija u l-karattru ħelu ta' San Ġorġ Preca kien il-fattur illi kien jiġbed ħafna nies warajh. Ta' min nammirawh ukoll għaliex minkejja d-diffikultajiet illi ltaqa' magħhom matul ħajtu, speċjalment minħabba l-problemi ta' mard illi kellu fi tfulitu, huwa qatt ma qata' qalbu. Kien bniedem ftit dgħajjef f'ġismu, u fil-fatt meta kien qiegħda toqrob il-ġurnata illi kien sejjer jġi ordnat saċerdot, tabib magħruf ta' dak iż-żmien: Profesur Enrico Meli, ma' kienx tah aktar minn sitt xhur ħajja, peress illii qallu li Dun Ġorġ kellu l-pulmun tax-xellug diġa niexef. Iżda madanakollu, huwa fieq għall-ġurnata hekk importanti ta' ħajtu, u skond Dun Ġorġ stess, dan il-fejqan kien jafu mhux lit-tobba jew lill-mediċina, iżda lil San Ġużepp.

Fatt interessanti huwa kif ingħata l-isem tas-Soċjetà tal-MUSEUM. Fil-bidu, is-Soċjetà' bidet tikri dar bin-numru sitta ġewwa Triq Fra Diegu, il-Ħamrun, bir-renta ta' tmien xelini fix-xahar, biex il-membri tagħha jiltaqgħu hemm, u ma damitx ma' ħarġet il-laqam 'tan-numru Sei'. Minħabba din id-drawwa illi lid-dar isejħulha b'numru, kien hemm min ħaseb illi kien hemm xi ħaġa moħbija għaddejja hemmhekk, u ħafna bdew isejħu d-dar il-'Loġġa tal-Mażuni'. Il-verita' kienet wisq differenti! Meta s-Soċjetà' telqet mid-dar bin-numru sitta, il-laqam 'tan-numru Sei', ma baqax adattat, u l-għaqda ta' Dun Ġorġ bdiet tissejjaħ il-'Kumpanija', u s-'Soċjetà'. Waqt laqgħa maż-żgħażagħ, Dun Ġorġ staqsihom xi xtaqu illi tissejjaħ l-Għaqda tagħhom, u ċertu Salvu Muscat mill-Hamru, bi tbissima, ħareġ bil-kelma 'tal-Mużew'. Lil Dun Ġorġ għoġbitu din, għaliex f'mużew jintrefgħu l-affarijiet 'l iżjed prezzjużi, l-Mużew kellu jagħti lill-bniedem dak ir-rigal illi huwa tant mixtieq – il-paċi ta' ruħu.

Lill-kelma 'tal-Mużew', Dun Ġorġ taha għamla Latina u għamilha MUSEUM, u kull ittra saret tfisser kelma – ***Magister, utinam sequatur Evangelium universus mundus, illi tfisser – Mgħallem, o li kieku d-dinja kollha timxi wara l-Vanġelu tiegħek'.*** Din is-sentenza, skond Dun Ġorġ, hu ma kien qraha imkien qabel, u ma kien ħadha minn imkien.

Meta il-membri tal-Museum saru jafu illi l-proposta ta' seħibhom Salvu Muscat kienet intlaqgħet, sħabu għollewh fuq l-ispallejn. Infatti kif jiktbu l-membri l-aktar anzjani tas-Soċjetà' ta' dak iż-żmien, ċerti Camillo Cozzo, Indri Cortis u Salvu Cassar fost oħrajn, meta għollew lil Salvu Muscat fuq l-ispallejn, huwa qabad qoxra ta' rummiena, tala' fuq kaxxa u kiteb il-kelma 'Musew' fuq il-koxxa tal-bieb ta' barra.

L-isem il-ġdid tas-Soċjetà' ħoloq ftit problemi minħabba l-użu komuni tal-kelma 'Mużew'. Lill-Mużewijiet tal-Gvern infatti, l-isem il-ġdid tas-Soċjetà', xejn ma għoġbithom. Iżda minkejja l-protesti illi kienu saru, l-isem baqa' hemm. Anke aktar 'l quddiem fiż-żmien, Dun Ġorġ kien ġie ssikkat mill-Isqfijiet ta' Malta sabiex ineħħi l-isem, iżda ma kienx irnexxielu peress illi kulħadd kien sar isejħilhom 'tal-Musew'. Wara kollox, bit-tifsira li San Ġorġ Preca qiegħed fil-kelma, is-sens kien wieħed ġdid, u min beda jikteb il-kelma kif għandu jiktibha, dejjem fehem li ma għandu qatt jikteb 'Mużew', iżda 'Museum', u lill-membri tas-Soċjetà ma jsejħilhomx 'Mużewmini, iżda 'Musewmini'.

